NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

**JANNAR - FRAR 2009** Nru 166



# San Ġorġ Bażilika:
## Ħamsin sena mill-ġrajja
### L-Ewwel Parti

Fi programm speċjali mtella' fuq l-istazzjon *Leħen il-Belt Victoria* nhar il-Ħadd 5 ta' Ottubru 2008, fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju tal-bażilika Ġorġjana, Francesco Pio Attard intervista lil **Paul M. Cassar**, eks-segretarju tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella* u membru fi ħdan il-komunità parrokk... tagħna. Hu tkellem magħna fuq it-tifkiriet sbieħ tiegħu ta' ħamsin sena meta San Ġorġ sar bażilika.

L-Imsida MSD 1252
Malta

**L-idea li San Ġorġ isir bażilika**

Bis-Separazzjoni ta' l-1955, li ġiet bil-ħidma tas-sekulari, il-knisja protoparrokkjali ta' San Ġorġ kienet rebħet xi ħaġa kbira. Hi karatteristika ta' l-istorja ta' San Ġorġ li l-lajċi dejjem setgħu jitħabtu iżjed mis-saċerdoti għall-ġieħ tal-parroċċa tagħhom. Għal Mons. Franġisk Portelli u għal Ġanni Galea "Ta' l-Orjenti", li kien il-kaxxier tas-Soċjetà *La Stella*, dan tas-Separazzjoni kien l-ikbar pass li stajna nagħmlu bħala parroċċa: l-ewwel inkunu distinti, u mbagħad nistgħu nimxu lejn ġieħ ikbar. San Ġorġ kien qed iservi lir-Rabat kollu bħala l-parroċċa tiegħu, u lil Għawdex kollu, kif kien ilu jagħmel għall-aħħar tliet mitt sena. Il pass li jmiss kien li nagħmlu l-preponderanza tal-limiti parrokkjali u ma nħalluhomx daqsxejn ta' rokna jew ċirku. L-isqof Mons. Ġużepp Pace fil-bidu din kien fehemha, u talab lill-kumitat tas-Soċjetà jwassallu s-suġġerimenti tiegħu fuq pjanta.

Dan is-suġġeriment kien li San Ġorġ ikollu fit-territorju tiegħu x-xaqliba kollha li tibqa' sejra sa Ta' Sannat. Minkejja dan, wara ftit taż-żmien, l-Isqof ra li m'hux prattikabbli li naslu għal din l-assenjazzjoni. Tenna li kien ħa parir u d-deċiżjoni tiegħu kien sa jagħmilha "meta tvaga l-arċipretura". Wieħed irid iżomm f'moħħu li f'dak iż-żmien kien għad hemm arċipriet wieħed għaż-żewġ parroċċi tal-belt; dan kien residenti dejjem f'San Ġorġ u l-funzjoni ta' arċipriet, kemm hu u ke... dawk kollha ta' qablu, dejjem għamluha ... San Ġorġ u minn imkien iktar.

**Għand l-Isqof**

Xħin ġejna f'din il-pożizzjoni ridna rikompens. Irraġunajna: "M'aħniex ħa nieħdu l-limiti, xorta ħa nibqgħu nservu, ħadna dawn l-umiljazzjonijiet kollha tul tliet mitt sena. Allura issa x'ħa nieħdu?". Hekk ħlomna li l-knisja tagħna jkollha distintiv speċjali, għax dak in-nhar id-distintiv ta' bażilika ma kellu ħadd fost il-parroċċi kollha ta' Għawdex. Dak iż-żmien, illi jkollok bażilika kienet xi ħaġa singulari u eċċezzjonali. Wieħed irid jiftakar li dan kien qabel il-Konċilju, li ta li l-qassisin iqaddsu faċċata tan-nies. Fl-1956 morna għall-ewwel darba għand l-Isqof bil-proposta, bħala delegazzjoni mmexxija minni u minn Ġanni Galea, u hu ma qatgħalniex qalbna. Magħna daħħalna wkoll lil ċertu

*jissokta f'paġna 4...*

**f'din il-ħarġa**

Kif sa nivvota fis-6 ta' Ġunju? 10

"Il-Belt Victoria": Disinn ġdid għal isem antik 19

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377 fax: 21 556 981 email: info@ilbeltvictoria.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Dehra ġdida

Min din il-ħarġa qegħdin taraw numru ta' bidliet f'dak li għandu x'jaqsam mal-format ta' din il-pubblikazzjoni uffiċjali tal-parroċċa ta' San Ġorġ. L-aktar li jispikka huwa ċertament id-disinn ta' l-isem tal-pubblikazzjoni kif jidher bħala titlu fil-faċċata tagħha (bl-Ingliż *masthead*), li l-bord editorjali għażel li jaġġornah, ibda minn din il-ħarġa.

Sa mill-bidu ta' *Il-Belt Victoria*, proġett li jmur lura għal seminar parrokkjali li kien sar fi Frar 1981, il-format tagħha tbiddel kemm-il darba, prova ċara tad-dinamiċità tal-bord editorjali li hu l-moħħ warajha. Aktar tagħrif fuq il-bidliet li saru matul is-snin fl-istil u d-disinn tat-titlu ssibuh fl-aħħar paġni ta' din ir-rivista, fejn hemm l-istorja dettaljata ta' dan it-tiġdid partikulari fid-dehra tal-pubblikazzjoni tagħna, li – ta' min jgħid – hija waħda mill ftit, jekk mhux l-unika waħda fid-djoċesi, li ilha toħroġ daqstant regolari (sitt darbiet fis-sena) għal dawn l-aħħar tmienja u għoxrin sena. Quddiem din l-istorja dehbija nifirħu u rroddu ħajr lill-voluntiera kollha, uħud minnhom ħallewna, li taw u jagħtu daqqa t'id b'imħabba biex din il-pubblikazzjoni tissokta twassal u xxandar leħen il-parroċċa, sod ukoll kontra kull attakk li qed issofri inġustament il-Knisja fi żmienna. Nafu biżżejjed kemm il-lum, bil-"pluraliżmu" li tajna wisa' għalih fil-media, spiss joħorġu mesaġġi li, iktar iva milli le, ma jaqblux mal-valuri Kristjani tal-Vanġelu. Hu għalhekk li nagħmlu minn kollox biex f'kull ħarġa ndaħħlu ta' l-inqas kontribuzzjoni waħda b'tema li tindirizza dawn l-aspetti essenzjali.

F'din is-sena l-ġdida qegħdin ukoll inwasslu lilkom il-qarrejja sensiela ġdida b'tema Pawlina, fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina li qed niċċelebraw. F'sensiela ta' sitt artikli mħejjija minn Francesco Pio Attard sa nwasslulkom tagħrif fuq l-arti Pawlina li għandna fil-bażilika tagħna. Din tieħu post is-sensiela ta' artikli fuq il-parroċċa tagħna fil-mixja tagħha lejn it-titlu meritat ta' bażilika, li dehru fil-ħarġiet tas-sena l-oħra; nirringrazzjaw lill-awtur, George Francis Vella, li offra s-sehem tiegħu b'dik il-kitba storika interessanti. Minn din il-ħarġa ħsibna wkoll li niġbru f'taqsima iktar strutturata r-rendikont li din il-pubblikazzjoni – kif hu l-għan li għalih twaqqfet – dejjem tagħti ta' l-attivitajiet li jkunu għaddejjin fil-parroċċa tagħna. Għalhekk tistgħu żżommu ruħkom mgħarrfa tajjeb fuq il-ħajja parrokkjali fl-aħħar xahrejn mir-rokna *Mid-Djarju Parrokkjali*, mgħammra wkoll b'ritratti ta' l-aktar aħbarijiet importanti. It-tisliba sa tkun idea innovattiva oħra, għalkemm mhux oriġinali għal kollox, li sa ssibu minn din il-ħarġa 'l quddiem: nittamaw li tieħdu sehem bi ħġarkom, u tidħlu biċ-ċans li tirbħu xi ħaġa magħna wkoll!

Kull min irid jagħmel kuntatt mal-bord editorjali jista' jagħmel dan billi jibgħat email lil **info@ilbeltvictoria.org**. Minn barra x-xogħol li sar f'din il-pubblikazzjoni, għaddejja ħidma oħra kontinwa fiċ-ċentru parrokkjali biex jiġġeddu ċerti strutturi – fosthom kumitati u gruppi – ħalli fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin il-parroċċa tissokta toffri l-aħjar servizz lill-komunità tagħna.

## KRONAKA PARROKKJALI

### MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI

| | |
|---|---|
| 06/01/2009 | **Dilyn**, bin Alexia Attard u George Anthony Ballucci |
| 10/01/2009 | **Karmeen**, bint George Cutajar u Rose Marie Muscat |
| 11/01/2009 | **Migela**, bint Samar Grech u William Axiaq |
| 21/01/2009 | **Reja**, bin Philip Fenech u Tina Bagdanovic |

### MARRU JINGHAQDU MA' KRISTU RXOXT

| | |
|---|---|
| 03/01/2009 | **Maria Concetta Attard** |
| 06/01/2009 | **Mons. Ġwann Dimech** |
| 17/01/2009 | **Ġużeppi Farrugia** |
| 17/01/2009 | **Rose Mifsud** |
| 21/01/2009 | **Ġużeppa Muscat** |

*Il-Belt Victoria* hi pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-arċipriet Mons. Emanuel Mercieca.



BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Michael Formosa, George Francis Vella, Antoine Vassallo.
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Teddy Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Kan. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit.

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Pawlu Cardona*

cardonapaul@gmail.com



## Ir-Randan: żmien ta' talb, karità u sawm

Għeżież membri tal-parroċċa Ġorġjana u qarrejja kollha ta' *Il-Belt Victoria*,

Għadna kemm bdejna ż-żmien qaddis tar-Randan bil-liturġija tat-tqegħid ta' l-irmied fuq rasna, sinjal ta' kif għandna ngħixu dan iż-żmien. Il-Knisja tieħu ħsieb turina kif għandna ngħixuh u tagħtina l-mezzi sabiex norjentaw ruħna lejn l-esperjenza tal-Misteru ta' l-Għid.

"Erġgħu duru lejja bi qlubkom kollha" (Ġoel 2:12) huwa l-appell li tagħmlilna l-liturġija. Għaliex il-Mulej jinsa u jaħfer id-dnubiet ta' dawk li jirritornaw lejh u jbiddlu ħajjithom. Kif nistgħu ngħixu fil-milja tagħha l-ħajja Kristjana, li kellha l-bidu tagħha fil-Magħmudija? Kif nistgħu nkunu rebbieħa fit-taqbida ta' l-Ispirtu mad-dinja, bejn it-tajjeb u l-ħażin, taqbida li tbiddel ħajjitna? L-Evanġelju tal-Mulej jipproponilna tliet mezzi utli għall-ħajja spiritwali tagħna: it-talb, il-karità u s-sawm.

Missierna San Pawl, fl-ittri tiegħu, meta jitkellem fuq it-talb jgħidilna li aħna msejħin "nitolbu bla waqfien" (Rum 12:12) u "nżommu sħaħ fit-talb", "nishru fit-talb b'radd ta' ħajr lil Alla" (Kol 4:2), u "nitolbu bla heda" (1 Tess 5:17). Ġesù jinsab fil-profond ta' qalbna. Ir-relazzjoni tagħna miegħu hi u tibqa' preżenti fina, ukoll jekk nitkellmu jew inkunu fuq ix-xogħol professjonali tagħna. Għalhekk meta nitolbu hemm fil-qalb tagħna l-preżenza interjuri ta' din ir-relazzjoni ma' Alla, li ssir bil-mod il-mod talba vokali, talba espliċita.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-karità, huwa żgur importanti dak li nsibu fl-Iskrittura fuq il-għbir għall-aħwa fqar (2 Kor 8-9). Skond San Pawl il-karità hija l-qofol tal-ħajja ta' dawk li jemmnu, "il-qofol tal-perfezzjoni": "Fuq kollox ilbsu l-imħabba" (Kol 3:14), li tgħaqqad kollox.

San Pawl fl-ittri tiegħu ftit jitkellem espliċitament fuq is-sawm. Ħafna drabi jitkellem fuq il-ħtieġa li ngħixu bir-rażan, kwalità ta' min hu msejjaħ jgħix fl-istennija tal-Mulej (1 Tess 5:6-8; Tit 2:12). Interessanti huwa d-diskors li jagħmel meta jitkellem fuq l-atleta spiritwali: "Kull atleta jiċċaħħad minn kollox, u dawn biex jirbħu kuruna midbiela, imma aħna waħda li ma tidbielx" (1 Kor 9:25). Il-Kristjan għandu jrażżan lilu nnifsu sabiex isib it-triq u jasal verament għand il-Mulej.

Sabiex ngħixu din "il-ħajja ġdida" f'Alla hija ħaġa indispensabbli li mmantnu lilna nfusna bil-Kelma tiegħu. Kif qal Ġesù nnifsu, "il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla" (Mt 4:4; ara Dewt 8:3). "Ħalli l-Kelma ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom; għallmu bl-gherf kollu u widdbu lil xulxin b'salmi u innijiet u b'għana spiritwali" (Kol 3:16). San Pawl kien jgħix f'għaqda u fi djalogu permanenti mal-Kelma ta' Alla: ħsibijietu, l-għemejjel tiegħu, it-talb tiegħu, il-predikazzjoni u l-eżortazzjonijiet tiegħu, kollox kien frott tal-Kelma, li tgħallimha minn meta kien żgħir u għarafha fil-milja tagħha meta ltaqa' ma' Kristu Ġesù, u "dan imsallab" (1 Kor 2:2). "Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu, li bih id-dinja hi msallba għalija u jien għad-dinja" (Gal 6:14).

Ir-Randan, żmien ta' smigħ tal-Kelma, ta' talb aktar qawwi, ta' ħajja aktar imrażżna u fi spirtu ta' penitenza, ikun għalina stimolu għall-konverżjoni u għall-imħabba sinċiera bejn l-aħwa, speċjalment lejn il-fqar u dawk fil-bżonn. Dan kollu jwassalna biex niċċelebraw il-ferħ ta' l-Għid.

Nistedinkom u nistenniekom għall-eżerċizzi spiritwali li sa jsiru fil-parroċċa tagħna (araw il-programm stampat f'paġna 11). Intom li toqogħdu 'l bogħod, ingħaqdu magħna bit-talb u segwuna permezz tar-radju u tal-websajt tal-parroċċa.

Grazzi. Il-Mulej iberikkom.

### NIFIRĦU LIL

- Mons. Alfred Xuereb, li nhar it-13 ta' Frar 2009 ġie milqugħ mill-Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann, Fra Matthew Festing, bħala kappillan konventwali *ad honorem* ta' l-Ordni.

### INSELLMU LIL

- Mons. Ġwann Dimech, kanonku onorarju u benefattur kbir tal-bażilika Ġorġjana, li miet nhar it-Tlieta 6 ta' Jannar 2009 fl-età ta' 86 sena.

### GRAZZI LIL

- Marija u Vitorina Attard, li ħadmu u taw terħa tal-bizzilla Għawdxija għall-mejda tal-Magħmudija.
- Il-familji tal-Kan. Joe Mejlak u Mons. Ġwann Dimech, li taw lill-bażilika xi oġġetti sagri tagħhom.

# San Ġorġ Bażilika: Ħamsin sena mill-ġrajja (1)

...jaqbad minn paġna 1

Pawlu Pace, li kien midħla ħafna tagħna u partitarju kbir ta' San Ġorġ. Dan kien joqgħod f'Ruma u kien jiġi mill-Isqof; hu għenna ħafna f'din il-biċċa xogħol. Ma' l-Isqof urejna x-xewqa ġenerali u ġusta li San Ġorġ għandu jirċievi rikompensa ta' dak kollu li għamel biex Għawdex stagħna pastoralment. U, għid minn hawn u għid minn hemm, ħarġet l-idea illi San Ġorġ ikollu dan id-distintiv singulari ta' bażilika. F'dan l-istadju ma kienx hemm sehem min-naħa tal-knisja. Hu minnu li allaħares ma kienx hemm is-Soċjetà *La Stella* għax kieku San Ġorġ m'hux fil-post singulari, gholi u dinjituż li għandu l-lum.

## L-istorja tkompli tinħema

Kien hemm bosta diffikultajiet fil-proċess. Aħna konna wkoll nikkonsultaw ħafna ma' l-arċipriet tagħna Mons. Mikiel Cefai, li kien bniedem diplomatiku ħafna u ma kienx minn dawn li jħobb jidħol f'dak li qed jagħmel; imma kien raġel fuq l-irġiel, u kien jagħtina wkoll ċerti pariri. Darba minnhom bagħat għalija, u mort id-dar tiegħu fi Pjazza Santu Wistin (l-aħħar dar qabel il-kunvent): qalli kemm kien inkwetat l-Isqof bl-irwiefen li qamu, mhux biss f'Għawdex – fejn minħabba l-partiti sar ħafna tixwix minn parroċċi oħra ta' l-irħula trott l-għira – imma wkoll f'Malta, fejn qamet tempesta "kwieta" għax kien hemm xi knejjes li kienu qed jippretendu l-bażilika. U allura l-irjieħ ta' Għawdex u ta' Malta bdew jonfħu kontra tagħna!




Sadattant aħna bqajna fiduċjużi. L-isqof Pace kellu min jgħinu, għax kien studja Ruma u kellu ċerta diplomazija, imma fuq kollox kellu favurih ir-raġuni għala dan it titlu kien jixraq lill-parroċċa ta' San Ġorġ, dinjità li kinitx ħa tingħata b'kapriċċ jew għax intalbet, imma għax trid titwettaq ġustizzja li trid tpatti għal inġustizzja ta' sekli sħaħ. B'dawn l-argumenti sodi l-Isqof Pace nifed u sa fl-aħħar kiseb dan l-għoti ta' bażilika, ħamsin sena ilu.



Il-kanċillier tad-djoċesi, Mons. Guglielmo Grima, jaqra d-digriet tal-papa Piju XII *Merito dilaudatur templum* (6 ta' Settembru 1958) li bih il-knisja protoparrokkjali ta' San Ġorġ tgħolliet għall-ġieħ ta' bażilika, il-Ħadd 11 ta' Jannar 1959.

Ma rridux ninsew ukoll li San Ġorġ, bl-Unjoni, mhux biss kien ġie mċaħħad mit-territorju tiegħu, imma kien ġie mtellef it-titlu ta' kolleġġjata-abbazija mitlub fis-seklu dsatax. Il-kolleġġjata għal San Ġorġ kienet diġà ġiet approvata mill-isqof ta' dak iż-żmien, Mons Giovanni Maria Camilleri, imma għax kien hemm l Unjoni ndaħal il-kapitlu tal-Katidral u tellifha lil San Ġorġ. Ftit wara San Ġorġ għamlu kawża Ruma imma anki din "intilfet". Għalhekk, dawn in-nies li ftakru dan kollu u raw kemm bata San Ġorġ, illi Istlqawni ħafna Insemmi lil Mons. Franġisk Portelli "Taz-Zopp", li hu u ħuh Ġużepp kellhom imħabba speċjali għal San Ġorġ; dawn kienu neputijiet ta' Mons. Giuseppe Farrugia "Tal-Vers", illi ħalla dik ir-rikkezza kollha ta' mużika li għandna fil-bażilika. Fuq spallejhom dawn kellhom din l-umiljazzjoni li rċieva San Ġorġ, u minħabba fihom wasalna fejn wasalna.

## 6 ta' Settembru 1958

Fil-kawża tal-bażilika f'Ruma kien qed jgħinna ħafna Pawlu Pace. Pace kien kien wieħed mill-"perċimes" għax kien strumentali ħafna biex għinna nakkwistaw dan it-titlu. Id-digriet ġie ffirmat fis-6 ta' Settembru 1958, f'Castel Gandolfo. Pawlu Pace, fit-8 ta' Settembru, Jum il-Vitorja, fil-għaxija, bagħatli telegramm illi "hemmhekk kollox twettaq". Fhimt għalkollox x'ried jgħid, u fittixt infurmajt lill-arċipriet Cefai bl-aħbar sabiħa. Din kienet l-ewwel aħbar minn barra, u Pawlu Pace kien ġabha mill-

jissokta f'paġna 19...

# Il-Kan. Joe Mejlak

1944-2008

Is-sena 2008 ħallietna b'togħma morra bit-telfa ta' wieħed mill-egħżeż saċerdoti tal-parroċċa tagħna. Kull minn kien jiffrekwenta spiss il-bażilika u s-sagristiji tagħha żgur li ma setgħetx taħrablu laqgħa qasira mal-Kan. Joe Mejlak, jew "il-kanonk", kif kien sempliċiment magħruf ma' kulħadd. Il-Kan. Joe Mejlak kien saċerdot żelanti ta' San Ġorġ, wieħed mill-ewwel kanonċi tal-kolleġġjata tiegħu, benefattur tal-bażilika tiegħu, dejjem dispost għall-ħidma pastorali fi ħdanu. Qatt ma kien jonqos għal xejn b'xejn milli jattendi għas-servizzi kapitulari: fih kienet tispikka din il-lealtà barranija lejn San Ġorġ tiegħu! Barra minn hekk, dawk li ma jafuhx fil-kuntest ta' San Ġorġ, għalkemm ikunu tilfu biċċa kbira mill-personalità tiegħu, ta' l-inqas jafuh bħala poeta popolari u maħbub, kittieb prolifiku tal-Malti, b'karattru sinċier u ħelu, ċajtier u li jiġbdek.

Joe Mejlak twieled nhar il-15 ta' Ottubru 1944, fil-belt Victoria, Għawdex, u tgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Oħt missieru kienet Mary Meylak (1905-1975), l-ewwel poetessa tal-Malti, u fi tfulitu Ġużeppi min jaf kemm xorob mill-imħabba speċjali li kellha zitu lejn żewġ affarijiet: il-Malti u San Ġorġ. Kien l-iżgħar wild ta' Mananni Preca, mill-belt Valletta, ħaddiema prima tal-bizzilla u kuġina tal-qaddis Malti Dun Ġorġ Preca; u ta' Ġużepp, magħruf "Tas-Sabiħa", li kellu ħanut tad-deheb fir-Rabat u kien in-neputi tal-lessikografu magħruf, il-Ġiżwita Ġużeppi Mejlak.

Fi tfulitu Mejlak studja fl-iskola primarja tal-Gvern fir-Rabat u iktar tard fil-Liċew. Fis-29 ta' Settembru 1967 daħal fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, ta' età ikbar minn sħabu, minn fejn fit-23 ta' Ġunju 1973 ġie ordnat saċerdot ma' erbgħa oħra, fil-katidral ta' Għawdex, mill-isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi. Fit-22 ta' Lulju ta' wara iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-bażilika ta' San Ġorġ. Iktar tard Mejlak kellu jkun fost l-ewwel membri tal-kolleġġjata l-ġdida ta' San Ġorġ, li ħadu l pussess tagħhom il-Ħadd 10 ta' Lulju 1976. F'dik l-okkażjoni memorabbli kien kiteb u qara l-poeżija *Kolleġġjata Ġorġjana*, li baqgħet fost l aqwa xogħlijiet sbieħ tiegħu.

Hu fatt li l-Kan. Joe Mejlak kellu għal qalbu qatigħ l-ilsien Malti. U kellu l-arti tal-letteratura ddur fil-vini: kiteb poeżiji, novelli, drammi, lirika, teledrammi u radjudrammi, operetti u essejs. Xogħlijiet tiegħu ġew ippubblikati fuq bosta rivisti u ġurnali lokali. Fl-1977 ħareġ l-ewwel antoloġija ta' poeżiji, *Għanjiet ta' Qalbi*. Fl-aħħar snin huwa fittex jiġbor f'kotba ħafna mix-xogħlijiet tiegħu hekk li kważi kull sena ppubblika xi ktieb jew ieħor. Fl-2004 ippubblika t-tieni antoloġija poetika, *Rwiefen*, waqt li *Narċis u Ġiżimin* hu mitbugħ fl-2005. Fl-2006 ġabar il-25 dramm tiegħu fi tliet volumi: *Ribalta: Drammi għall-palk*, u fl-2008 ħareġ *Tħammim u Thewdin*, damma ta' poeżiji flimkien ma' sitt stejjer qosra, wara li fl-2007 kien ħareġ żewġ kotba żgħar: *Fis-Skiet u l-Ġabra* u *Il-Lejl it-Tajjeb*, b'meditazzjonijiet u stejjer qosra spiritwali li jirriflettu l-edukatur li jfittex jgħallem anki b'temi soċjo-reliġjużi.



Hekk in-numru ta' pubblikazzjonijiet tiegħu jammontaw għal fuq tletin, u diġà kellu ktieb ieħor fl-istampa. B'ħafna mix-xogħlijiet tiegħu rebaħ premjijiet f'konkorsi mnedija mill-*Għaqda Letterarja Maltija* u l-*Għaqda Kittieb Żgħażagħ*. In-novella tiegħu *Żewġ Imħabbiet* fl-1965 rebħet id diploma *Città Cospicua* fil konkors nazzjonali mniedi mill-Prijurat tal-Lingwa Maltija ta' l-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm. F'Awwissu 2007 inħatar membru onorarju *ad vitam* ta' l-*Għaqda Poeti Maltin*.

Il-poeżiji ta' Mejlak ivarjaw minn eleġiji għal kitbiet kważi fantastiċi bħal ta' zitu, b'xejriet tradizzjonali u b'laqta sempliċi imma profonda, imma qatt neqsin mill-ottimiżmu Kristjan li bih f'kull kitba tiegħu kien ifittex ifaħħar lill-Mulej. Spiss kien iqabbad jittajpjalu l-poeżiji tiegħu, kultant anki għal xi okkażjoni li kienu jitolbuh, lil xi żagħżugħ fl-uffiċċju parrokkjali ta' San Ġorġ, fejn il-muża donnha kienet tfittxu iżjed minn imkejjen oħra. Forsi wkoll għax hemm kien iqatta' ħafna mill-ħin tiegħu.

Imma fuq kollox il-Kan. Joe Mejlak jista' jissejjaħ bir raġun kollu "il-poeta ta' San Ġorġ". Hu l-awtur ta' għadd kbir ta' poeżiji ddedikati lil San Ġorġ, fosthom innijiet reliġjużi għall-banda jew għall-kor, bħal *Lil San Ġorġ Martri – Ġmiel u Ġawhra* (1984), *Ġorġi ta' Lidda* (1975), *Georgiani Juvenes* (1986), *In Nobbli ta' Lidda* (1978), u fuq kollox iċ-ċelebri *Georgius natus est*, miktub fl-1984 u mmużikat mill-Prof. Joseph Vella. Dan hu wieħed mill-aktar innijiet popolari kantati fil-jiem tal-festa ta' San Ġorġ f'Għawdex, u jilqa' lill-istatwa fil-bieb tal-knisja għall-purċissjoni. Kiteb ukoll id-dramm mużikali *Il-Martri ta' Lidda* (1976), b'mużika tal-Mro Alfred Arnold, li ttella' għall-ewwel darba fl-1977 mill-*Għaqda tal-Palk Astra* u mill-ġdid fl-1992, din id-darba għall-beraħ ta' Pjazza San Ġorġ, mill-*Għaqda Żgħażagħ La Stella*. Dawn ix-xogħlijiet u oħrajn ġabarhom fl-antoloġija letterarja ta' innijiet, poeżiji u drama Ġorġjana *Dejjem f'Qalbna*. Il-ktieb ta' 132 paġna jġib l-isem ta' l-aħħar innu li kiteb lil San Ġorġ fl-2002. Meta ħareġ f'April 2005, kif kien hemm min ikkummenta, dan il-ktieb inbiegħ "bħall-ġelati"!



## Fuq il-passi ta' San Pawl fil-bażilika tagħna | 1

DAWRA MA' L-ARTI PAWLINA F'SAN ĠORĠ

*Francesco Pio Attard*
fpa@sangorg.org

# Il-kappellun ta' San Pawl

Meta wieħed jidħol fil-bażilika ta' San Ġorġ u jikser għan-nava tax-xellug, l-ewwel kappellun li jsib hu dak ta' San Pawl. Flok l-altar ta' din il-kappella, li hu l-aħħar wieħed li twaqqaf, sa tmiem is-seklu sbatax kien hemm il-fonti tal-Magħmudija. Il-lum hu ddedikat lill-Appostlu San Pawl u l-Immakulata Kunċizzjoni u fuqu jinsab kwadru mill-isbaħ, impitter biż-żejt fuq it-tila, tal-pittur Stefano Erardi. Għalkemm ma nafux id-data eżatta meta tpitter dan ix-xogħol imprezzabbli, meqjus wieħed mill-aqwa xogħlijiet ta' Erardi, minn supplika li għamel l-arċipriet ta' dak iż-żmien, il-Kan. Dun Natale Cassia Magri, nistgħu naslu għall-konklużjoni li sar bejn Mejju 1698 u Jannar 1699. F'din is-supplika Cassia Magri wera lill-Isqof ix-xewqa tal-poplu li jitwaqqaf dan l-altar, li ġabar għat-twaqqif u l-manteniment tiegħu minħabba d-devozzjoni li kellu lejn Missierna San Pawl. Fil-fatt Agius De Soldanis isemmih fl-Istorja tiegħu ta' Għawdex miktuba fl-1730.

Is-suġġett tal-pittura eċċellenti ta' Erardi hu wieħed interessanti ħafna, għax b'differenza minn kif imdorrijin naraw lill-Appostlu tal-Ġnus, hawn insibuh f'riġlejn il-Verġni Marija Immakulata, iroddilha ħajr li ħelsitu min-nawfraġju li wasslu f'Malta, kif jindika l-ġifen fl-isfond. Il-figura espressiva ta' Pawlu, għarkubbtejh u b'idejh miftuħa, hi mlibbsa bil-kuluri tradizzjonali ta' l-aħdar u l-aħmar, u d-dehra ta' wiċċu turih jikkontempla d-dehra smewwija tal-Verġni Mbierka, li tassew tidher fi xbieha ħelwa f'din il-pittura, merfugħa fuq is-sħab, bil-qamar taħt riġlejha u mdawra minn seba' puttini. F'riġlejn Pawlu jidhru wkoll ix-xabla u l-ktieb.

Il-kwadru, żejt fuq it-tila, jirrifletti l-influwenza Manierista ta' l-artist, imma l-figura ta' San Pawl hi għal kollox Barokka. Minkejja l-oriġinalità tiegħu, dan il-kwadru ta' Erardi hu ri-interpretazzjoni tal-lunetta ta' l-Apoteożi ta' San Pawl li l-istess artist kien pitter bejn l-1678 u l-1679 għall-kor tal-knisja parrokkjali ta' San Pawl Barra s-Swar, tar-Rabat, Malta. Ix-xbieha ta' San Pawl hi kważi identika għal dik fil-kwadru tar-Rabat ta' Malta. Ġanni Bezzina jargumeta wkoll li Erardi kkopja l-idea mill-inċiżjoni famuża tal-Beatu Redent, Karmelitan, impittra minn Iulius Bersani fl-1672 u stampata fil-ktieb *Il viaggio alle Indie Orientali* ta' P.F. Vincenzo Maria.

Stefano Erardi (1630-1716) kien wieħed mill-aħjar u l-iktar artisti Maltin imfittxija ta' żmienu.



*Il-kwadru ta' San Pawl u l-Immakulata fil-bażilika ta' San Ġorġ.*



*Il-kwadru ta' l-Apoteożi ta' San Pawl fil-parroċċa ta' San Pawl Barra s-Swar.*






Hu kien minn Ħaż-Żebbuġ u, barra li kien alliev ta' Giuseppe d'Arena, studja Ruma. F'Għawdex pitter ukoll it-titular tal-knisja tal-Franġiskani Kapuċċini fir-Rabat, li juri l-Verġni tal-Grazzji; pittura oħra tal-Verġni tal-Karmelu għall-knisja ta' l-Agostinjani; u anki t-titular tal-knisja Ta' Savina, filjali tal-parroċċa ta' San Ġorġ, li juri t-Twelid tal-Verġni Mbierka. Anki l-kwadru titulari tal-parroċċa Ta' Sannat hu attribwit lilu. Erardi kien strumentali, flimkien ma' ibnu Alessio li għal San Ġorġ pitter il-kwadru ta' Ġesù u Marija, biex żviluppat f'Malta l-iskola Barokka tas-seklu tmintax.

Il-kappella ta' San Pawl u l-Immakulata fil-bażilika ta' San Ġorġ għandha wkoll erba' xogħlijiet tal-mużajk fil-flieli tal-koppletta li ssaqqafha li wkoll għandhom tema Pawlina. Meta sar dan ix-xogħol tal-mużajk f'sitt kappelluni tan-navi tal-bażilika, maħdum fl-Italja fuq disinni ta' l-artist Ġużeppi Galea mir-Rabat ta' Malta, ħasbu li t-tema tkun tikkumplimenta dik ta' l-altar f'dak il-kappellun. L-erba' xbihat f'dan il-kappellun, kull waħda ta' sittin ċentimetru kwadru, juru ġrajjiet marbuta mal-ħajja ta' San Pawlu u ż-żjara tiegħu f'Malta. Taħthom skrizzjonijiet qosra bil-Latin miktuba fid-deheb fuq sfond blu ta' pasta jfissru s-suġġetti: *Apud Ananias* (Għand Ħananija): San Pawl jingħata lura d-dawl minn Ħananija; *Melita insula vocabatur* (Il-gżira kien jisimha Malta): San Pawl iferfer il-lifgħa minn ma' idu; *Impositio manum* (It-tqegħid ta' l-idejn): San Pawl jordna lil Publiju isqof; *Coronam iustitæ* (Il-kuruna tal-ġustizzja): il-martirju tal-qtugħ ir-ras. Ix-xogħol kien tlesta fl-1986. Fl-aljunetti tal-koppletta, erba' anġli bojod bi ġwenħajhom miftuħa fuq sfond dehbi, iżommu f'idejhom skrizzjonijiet ta' tifħir lill-Appostlu Pawlu: *Lumen Ecclesiæ* (Dawl tal-Knisja), *Doctor gentium* (Għalliem tal-ġnus), *Prædicator veritatis* (Ħabbâr tas-sewwa), *Nuntius Evangelii* (Xandâr ta' l-Evanġelju). Dawn l-erba' anġli huma maħduma fil-ġibs fuq erba' mudelli magħmula mill-Prof. Carlo Pisi fil-bidu tas-snin sittin tas-seklu l-ieħor.

L-irħam interzjat fil-panew ċentrali tal-faċċata tal-mensa ta' l-altar f'dan il-kappellun iġorr is-simboli tal-ħatab bil-ħuġġieġa mqabbda u l-lifgħa ħierġa minnha, waqt li fl-art, interzjat fl-irħam ukoll, jidher il-ktieb tal-Vanġelu bil-kelma *Epistolæ* miktuba fuqu, u b'sejf warajh u żewġ friegħi tal-palm madwaru, simboli tal-glorja tal-martirju ta' l-Appostlu. Biex inkunu semmejna kollox, fuq iż-żewġ kolonni tal-prospettiva nsibu wkoll is-simboli tal-ħuġġieġa taqbad li tfakkarna fiż-żjara ta' San Pawl f'Malta biex ġabilna l-fidi. Fil-parti ta' fuq ta' l-istess prospettiva, jikkumplimenta t-tema, hemm il-kwadru antik ta' San Publiju, liebes ta' isqof, imma fuqu m'għandniex wisq tagħrif.





# Kif sa nivvota fis-6 ta' Ġunju?

Mons. Ġużeppi Farrugia

Għadd kbir ta' kandidati, aktar minn 700, sa jippreżentaw ruħhom għall-Parlament Ewropew fl-elezzjonijiet politiċi li f'Ġunju li ġej sa jsiru fl-istati kollha ta' l-Unjoni Ewropea. F'Malta l-elezzjonijiet sa jsiru nhar is-Sibt 6 ta' Ġunju, u għalihom sa joħorġu kandidati mill-Partit Nazzjonalista, mill-Partit Laburista u mill-Alternattiva Demokratika, minn barra forsi wkoll xi kandidati oħra li qed jissemmew.

Dan ifisser li aħna ċ-ċittadini, Maltin u Għawdxin, sa nkunu msejħa biex nagħtu l-vot tagħna ħalli nagħżlu lil dawk il-ħamsa jew sitta mill-kandidati li ħerġin biex jirrappreżentawna f'din l-istituzzjoni għolja Ewropea.

Minħabba li din l-istituzzjoni għandha s-setgħa li tagħmel ċerti liġijiet li jorbtu l-istati membri, u li tapprova d-direttivi tal-Kummissjoni Ewropea u tgħaddi riżoluzzjonijiet ta' kull xorta, il-vot tagħna hu importanti għax mill-kandidati li nagħżlu biex jirrappreżentawna jiddipendu l-valuri li nixtiequ li jnebbħu u jamimaw l-azzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

F'Jannar li għadda l-ħames rappreżentanti Maltin fil-Parlament Ewropew taw il-kontribut tagħhom, kif ħassew huma, fuq valuri ta' ħajja u etika. L-okkażjoni kienet riżoluzzjoni vvutata fl-14 ta' Jannar 2009. Il-vot tal-parlamentari Maltin, kemm Laburisti u kemm Nazzjonalisti, fuq l-abort kien unanimu u ċertament tajjeb, vot li jirrifletti l-valuri mħaddna mill-maġġoranza kbira tal-poplu tagħna. Tajbin ukoll kienu l-voti fuq inġustizzji kontra l-persuna fejn dawn jaqblu mat-tagħlim soċjali tal-Knisja. Il-vot jew astensjoni f'rabta ma' l-orjentamenti sesswali u l-hekk imsejħa "drittijiet" derivati minnhom irriflettew sens ta' etika li lili, bħala Kattoliku, jinkwetani.

Tabilħaqq ftit biss mill-ħidma tal-Parlament Ewropew tinvolvi direttament kwistjonijiet ta' natura etika u morali. U ġeneralment huwa fuq dawn il-kwistjonijiet li nisimgħu. L-azzjonijiet tal-Parlament Ewropew "Ċikku l Poplu" ma tantx iħosshom. Ftit huma ċ-ċittadini li jagħmlu ħilithom biex ikunu jafu bihom. Huma ħafna ċ-ċittadini ta' l-istati ta' l-Unjoni Ewropea li bilkemm jafu li jeżisti l-Parlament Ewropew.

Fil-fatt, meta jiġu l-elezzjonijiet Ewropej, l-għadd ta' ċittadini li joqogħdu jinqalgħu biex imorru jitfgħu l-vot tagħhom s'issa kien dejjem relattivament baxx u qed jonqos kull sena. Il-probabbiltà hi li ma tantx sa jiżdied f'Ġunju li ġej. Xi drabi n-numru ta' votanti jkun jiddipendi minn elezzjonijiet oħra nazzjonali jew lokali li jkunu qed isiru fl-istess jum.

F'Malta l-għadd ta' nies li jagħmlu ħilithom biex jivvutaw hu fost l-ogħla fl-Ewropa. Imma dan mhux tant għax aħna napprezzaw aktar il-Parlament Ewropew minn ċittadini oħra Ewropej daqskemm għax aħna għandna sens aktarx kbir ta' dmir fejn tidħol il-konsultazzjoni popolari u aħna esaġeratament suġġetti għall-pressjoni mill-partiti politiċi li ftit jew wisq nappoġġjaw.

Madankollu jibqa' l-fatt li l-użu li nagħmlu mill-vot tagħna, jiġifieri li ma narmuhx imma nħaddmuh skond id-dritt li jagħtina, huwa ħaġa tajba ħafna. Il-Knisja dejjem theġġeġ il-Kattoliċi biex jaqdu d-dmirijiet tagħhom ta' ċittadini. L-importanti hu li nagħmlu użu tajjeb mill-vot tagħna. Bħala Kattoliċi għandna nagħżlu għall-Parlament Ewropew dawk il-



kandidati Maltin li, skond il-viżjoni tagħna, inqisuhom kapaċi jagħmlu l-ġid għall-poplu tagħna u għall-popli l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea.

Għalhekk, waqt li nħejji ruħi biex immur nivvota, jiena nagħmel lili nnifsi dawn il-mistoqsijiet: X'tip ta' rappreżentant irrid li jkolli fil-Parlament Ewropew? X'tip ta' kandidati nixtieq li jkolli biex nivvotalhom? X'sa nfittex fihom biex il vot tiegħi ma naħlihx, u iktar u iktar biex bil-vot tiegħi ma nkunx ta' ħsara għas-soċjetà kif nixtieqha, imma għall-kuntrarju nagħmlilha l-ġid?

Għalija t-tweġiba għal dawn il-mistoqsijiet hi ċarissma. Jiena Kattoliku: għandi viżjoni ta' soċjetà ispirata mill-valuri Kattoliċi. Għalhekk jiena nfittex kandidati ta' persważjoni Kattolika li fl-azzjonijiet tagħhom ikunu mmexxija mill-etika u l-valuri li nħaddan. Imma kif sa nkun naf jekk kandidat jew kandidata humiex ta' fiduċja jew le?

Aħna l-Maltin u l-Għawdxin m'għandniex insibuha diffiċli biex inkunu nafu lil xulxin. Filwaqt li fl-elezzjonijiet nazzjonali l-kandidati ftit jew wisq jintgħarfu mill-partiti politiċi rispettivi tagħhom, fl-elezzjonijiet Ewropej is-sitwazzjoni tista' tkun xi ftit differenti. Hemm membri tal-Partit Popolari Ewropew u ta' perswazjoni Demokristjana li ġieli vvotaw favur l-abort u l-ewtanasja. Fejn jidħlu kwistjonijiet etiċi, fil-Parlament Ewropew il-vot tal-parlamentari hu inqas marbut mal-valuri etiċi tal-partit tagħhom u jiddipendi ħafna mis-sens ta' etika ta' dak li jkun. Mela kif sa nkun naf għal min għandi nivvota?

Is-sinjali u l-kriterji li fuqhom nista' niġġudika l-kandidati jistgħu jkunu dawn: il-valuri li jistqarru, il-programm elettorali li joħorġu bih u, fil-każ ta' kandidati li qed ifittxu elezzjoni mill-ġdid, it-*"track record"* tal-voti tagħhom fil-Parlament Ewropew.

Fir-rigward tat-tielet kriterju jiena għandi nistaqsi fuq kif il-kandidat jew kandidata li jkolli quddiemi jkun ivvota fi kwistjonijiet etiċi u morali, bħal dawk marbuta mar-riżoluzzjoni li għadha kif għaddiet fl-14 ta' Jannar 2009. Ngħidu aħna, jekk nara li kandidat fl-imgħoddi kien ivvota favur l-abort, l-ewtanasja jew iż-"żwieġ" bejn persuni ta' l-istess orjentament sesswali, allura lil dak il-kandidat ma nivvotalux.

It-*"track record"* hu importanti, imma mhux waħdu. Għax bniedem jista' jibdel fehmtu. Għalhekk importanti li nkun naf sew id-dettalji tal-programm elettorali u nistaqsi fuq il-valuri li jnebbħuh.

L-isqfijiet tagħna f'Malta u Għawdex kemm-il darba tkellmu u fakkruna fi prinċipji li għandna jmexxuna fl-għażliet li nagħmlu. Fit-tagħlim li jgħaddulna l-isqfijiet huma dejjem imnebbħa mit-tagħlim soċjali tal-Knisja u tal-papiet.

Jalla fis-6 ta' Ġunju li ġej ilkoll naqdu dmirna bħala Kattoliċi.

*Mons. Ġużeppi Farrugia, arċipriet emeritu, hu professur tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta u fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, kif ukoll president tal-Kummissjoni* Il-Knisja f'Malta u fl-Ewropa *fi ħdan il-Konferenza Episkopali Maltija.*




# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Diċembru 2008 – Jannar 2009



*Andrew Formosa*
andrew@ilbeltvictoria.org

**Il-Ħadd 5 ta' Diċembru 2008**
**09.00am:** Saret konċelebrazzjoni solenni tat-tieni Ħadd ta' l-Avvent. **04.30pm:** Il-kapitlu Ġorġjan kanta t-talba solenni ta' l-Għasar flimkien mal-poplu.

**L-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2008**
**04.30pm:** Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, ippreżenta quddiem il-kleru tal-parroċċa lil Dun Dominic M. Sultana bħala vigarju parrokkjali ta' San Ġorġ, biex jissokta jgħin fil-ħidma pastorali. Dan sar waqt laqgħa presbiterali li ssejħet apposta.

**Il-Ħadd 14 ta' Diċembru 2008**
**09.00am:** Saret konċelebrazzjoni solenni tat-tielet Ħadd ta' l-Avvent. **04.30pm:** Il-kapitlu Ġorġjan kanta t-talba solenni ta' l-Għasar flimkien mal-poplu.

**Il Ħamis 11 ta' Diċembru 2008**
**07.30pm:** Il-*QuarTête à Tête* tellgħu kunċert ta' mużika klassika fil-bażilika, bil-kollaborazzjoni ta' l-Ambaxxata Awstrijaka f'Malta.

**Mit-Tnejn 15 sat-Tlieta 23 ta' Diċembru 2008**
**09.00am:** L-arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa l-quddiesa bil-priedki tan-Novena tal-Milied għal kulħadd. **05.00pm:** Id-djaknu Richard N. Farrugia għamel il-priedki tan-Novena għat-tfal, li kienet tintemm bil-kant ta' l-*Alma Redemptoris Mater* u l-barka Ewkaristika.



**Il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2008**
**02.45pm:** Il-kapitlu Ġorġjan telaq mill-bażilika għall-knisja tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fi Triq Palma, fejn kien hemm espost il-katavru tal-Kan. Joe Mejlak. **03.15pm:** Korteo funebri ħalla l-knisja tas-sorijiet Franġiskani u mexa t-triq għall-bażilka ta' San Ġorġ. **03.30pm:** L-isqof ta' Għawdex ippresieda u ppriedka f'konċelebrazzjoni solenni fil-bażilika, bis-sehem ta' numru kbir ta' saċerdoti, fejn ingħatat l-aħħar tislima lill-Kan. Mejlak. **07.30pm:** Il-komunità Anglikana f'Għawdex għamlet *carol service* tal-Milied fil-bażilika, bis-sehem ukoll tal-kor parrokkjali *Laudate Pueri.*

**Is-Sibt 20 ta' Diċembru 2008**
**07.30pm:** Il-*Chorus Urbanus* tella' fil-bażilika *Il-Kunċert tal-Milied,* il-kunċert annwali tiegħu għal żmien il-Milied. Għall-okkażjoni ġiet mistiedna minn Sqallija l-*Orchestra dell'Università Kore di Enna* li għal dan il-kunċert kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro John Galea, direttur mużikali tal-kor. Indaqqu siltiet mużikali klassiċi ta' Vivaldi, Bach, Mozart, Charles Camilleri u John Galea nnifsu, waqt li ġiet esegwita għall-ewwel darba l-*Pastoralmesse* ta' Karl Kempter. Ma naqsux bħas-soltu l-*carols* tradizzjonali tal-Milied, u l-final bl-*Hallelujah Chorus* mill-oratorju *The Messiah.* Ħadu sehem is-solisti Yvonne Galea (sopran), Antonella Mercieca (alto), Mario Portelli (tenur) u Noel Galea (baxx). Fi tmiem il-kunċert saret ġabra li marret b'riżq l-*Arka Respite Centre* ta' Għajnsielem.



**Il-Ħadd 21 ta' Diċembru 2008**
**09.00am:** Saret konċelebrazzjoni solenni tar-raba' u l-aħħar Ħadd ta' l-Avvent. **04.30pm:** Il-kapitlu Ġorġjan kanta t-talba solenni ta' l-Għasar flimkien mal-poplu.

**L-Erbgħa 24 ta' Diċembru 2008**
**04.30pm:** Sar il-kant solenni ta' l-ewwel Għasar tas-solennità tal-Milied mill-kapitlu tal-kolleġġjata flimkien mal-poplu, ippresedut mill-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia. **11.30pm:** Ġiet iċċelebrata l-Liturġija ta' l-Uffiċċju tal-Qari bil-kant tas-salmi, u fi tmiemha saret il-priedka tradizzjonali tal-Milied mit-tfajjel Giovanni Scicluna, abbati tal-bażilika. **12.00pm:** L-arċipriet Mons. Pawlu



Cardona mexxa l-konċelebrazzjoni solenni ta' Nofs il-Lejl, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru.

**Il-Ħamis 25 ta' Diċembru 2008**

**10.30am:** Il-kapitlu tal-kolleġġjata ċċelebra t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u t-Talb ta' Nofs il-Jum fis-sagristija tal-bażilika. **11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-kolleġġjata Ġorġjana, mexxa l-konċelebrazzjoni pontifikali ta' jum il-Milied, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika. **04.30pm:** Il-kapitlu Ġorġjan kanta t-talba solenni tat-tieni Għasar tal-Milied flimkien mal-poplu.

**Is-Sibt 27 ta' Diċembru 2008**

**06.00pm:** L-arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni, flimkien mal-kapitlu tal-kolleġġjata, fis-solennità Lateranensi ta' l-Appostlu San Ġwann. **07.00pm:** Sar ir-riċiviment annwali għall-benefatturi u l-kollaboraturi tal-parroċċa, fis-Sala *San Mikiel* taċ-ċentru parrokkjali.

**L-Erbgħa 31 ta' Diċembru 2008**

**09.00am:** L-arċipriet Mons. Pawlu Cardona ċċelebra quddiesa u warajha ngħata bidu għal nofs ta' nhar ta' espożizzjoni solenni tas-Santissmu Sagrament, f'kontinwazzjoni mal-quddies kollu ta' fil-għodu, b'radd il-ħajr lil Alla għas-sena 2008. **05.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-kolleġġjata, mexxa l-konċelebrazzjoni pontifikali ta' tmiem is-sena, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika. Fi tmiem il-konċelebrazzjoni sar il-kant solenni tat-*Te Deum* b'radd il-ħajr lil Alla għas-sena li kienet qiegħda tintemm. F'dan il-jum fil-bażilika ġiet iċċelebrata wkoll il-festa tal-papa San Silvestru I, fundatur tal-Lateran. **08.00pm:** L-arċipriet Mons. Pawlu Cardona u l-viġarju parrokkjali Dun Dominic M. Sultana mexxew siegħa ta' adorazzjoni Ewkaristika fil-bażilika, b'radd il-ħajr lil Alla fi tmiem is-sena.

**Il-Ħamis 1 ta' Jannar 2009**



**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-kolleġġjata, mexxa l-konċelebrazzjoni pontifikali tas-solennità ta' Omm Alla, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika.

**Il-Ħadd 4 ta' Jannar 2009**

**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-kolleġġjata, mexxa l-konċelebrazzjoni pontifikali tas-solennità ta' l-Epifanija, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika, fejn saret it-tħabbira solenni tas-solennitajiet u tat-tifkiriet festivi tas-sena l-ġdida.

**It-Tnejn 5 ta' Jannar 2009**

**09.00am:** Bdiet l-iskeda ridotta ta' l-istazzjoni komunitarju *Leħen il-Belt Victoria*.

**Il-Ġimgħa 9 ta' Jannar 2009**

**03.00pm:** Il-kapitlu Ġorġjan ħalla l-bażilika u mar fil-knisja tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fi Triq Palma fejn kien hemm espost il-ġisem mejjet ta' Mons. Ġwann Dimech, kanonku onorarju tal-bażilika Ġorġjana. **03.30pm:** Korteo funebri telaq mill-knisja tas-sorijiet Franġiskani għall-bażilika ta' San Ġorġ. **04.00pm:** L-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech mexxa u ppriedka f'konċelebrazzjoni pontifikali, bis-sehem ta' numru kbir ta' saċerdoti u membri ta' l-Ordni Sovran u Militari ta' San Ġwann, fejn ingħatat l-aħħar tislima lil Mons. Ġwann Dimech. Fost il-mistiedna distinti kien hemm l-E.T. Dr Edward Fenech Adami, President ta' Malta.

**Is-Sibt 10 ta' Jannar 2009**

**Fil-għaxija:** Fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju tal-festi li kienu saru f'Jannar 1959 ma' l-għoti tad-dinjità ta' bażilika lil San Ġorġ, tqiegħed fil-pjazza *banner* tal-kulur prodott mill-uffiċċju parrokkjali, li jfakkar iċ-ċinkwantenarju tal-bażilika Ġorġjana.

**Il-Ħadd 11 ta' Jannar 2009**

**09.00am:** L-arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-festa tal-Magħmudija tal-Mulej

**Il-Ħadd 26 ta' Jannar 2009**

**11.00am:** Sar it-tqassim ta' *hampers* lill-familji fil-bżonn u każijiet oħra soċjali, imqassma kull sena mill Assoċjazzjoni Maltija ta' l-Ordni ta' San Ġwann, fl-uffiċċju Għawdxi ta' l-istess assoċjazzjoni, fil-bini ta' *Leħen il-Belt Victoria* fi Pjazza San Ġorġ.

**kull ġimgħa**

- **It-Tnejn u t-Tlieta fis-7.30pm:** *Lectio Divina* (ċentru parrokkjali)
- **L-Erbgħa fl-4.30pm:** Katekeżi għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina
- **Il-Ħamis fis-7.30pm:** Adorazzjoni fis-skiet (bażilika)
- **Il-Ġimgħa fis-7.00pm:** *Bible Study Group* (ċentru parrokkjali)
- **Is-Sibt fl-4.00pm:** Laqgħa ta' l-abbatini (ċentru parrokkjali)
- **Is-Sibt fis-7.30pm (kull ħmistax):** Laqgħa tal-koppji għarajjes (ċentru parrokkjali)

# Mons. Ġwann Dimech

1922-2009



Mons. Ġwann Dimech twieled il-Furjana, Malta, fit-2 ta' Diċembru 1922, u tgħammed fil-knisja parrokkjali ta' dak ir-raħal. F'żgħożitu studja fil-*Kulleġġ San Lwiġi*, u fl-1940, fl-eqqel tal-Gwerra, tela' Għawdex mal-familja tiegħu bħala rifuġjati, u ssokta l-istudji tiegħu fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù. Ġie ordnat saċerdot fis-16 ta' April 1949 minn Mons. Mikiel Gonzi, dak in-nhar isqof ta' Għawdex, fil-katidral tad-djoċesi. Iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-bażilika ta' San Ġorġ. Mons. Giuseppe Farrugia Gioioso fil-fatt kien kitiblu sunett ħelu għas-santa.

Fl-1950 il-familja tiegħu marret lura Malta u bdiet toqgħod Ħal Balzan. Fl 1951 beda jgħin lill-Ġiżwiti maż-*Żgħażagħ Ħaddiema Nsara*, fejn wara xi snin inħatar assistent kappillan nazzjonali. Hu għamel ukoll żmien kappillan nazzjonali tal *Pre ŻĦN*. Fl 1958 l-arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi, ħatru wieħed mis-segretarji għall festi ċentinarji Pawlini ta' l-1960. Fl-istess sena hu għen lill-Prof. Abbè Francois Houtart, soċjologu Belġjan mill-Università ta' Louvain, fl studju tal-qagħda reliġjuża-soċjali tal-Knisja f'Malta. Frott ta' dan l-istudju ftit wara twaqqfet is-soċjetà tas-saċerdoti *Christus Rex*.

Fl-1961 l-arċisqof Gonzi sejjaħlu biex ikun segretarju personali tiegħu, kariga li hu żamm sa tmiem l-episkopat ta' Gonzi fl-1976. Għal 21 sena għamilha ta' direttur spiritwali fl-iskejjel tal-gvern waqt li kompla jagħti s-servizz tiegħu fil-parroċċa ta' Ħal Balzan, fejn għal xi żmien kien ukoll l-organista u d-direttur tal-kor parrokkjali, kif ukoll direttur ta' l-abbatini u prokuratur tal-Kwaranturi. Fl-1972 waqqaf is-sezzjoni ta' l-*intermediates* tal-Leġjun ta' Marija f'dik il-parroċċa, u iktar tard beda l-laqgħat għaż-żgħażagħ. L-*Għaqda Mużikali San Gabriel* għamlitu wkoll direttur spiritwali tagħha, kif baqa' sa mewtu.

Fid-19 ta' Ottubru 1972, fuq insistenza ta' l-arċisqof Gonzi, Mons. Dimech daħal fl-Ordni Sovran Militari ta' San Ġwann u nħatar kappillan maġistrali mill-papa Pawlu VI. Fid-19 ta' Frar 1991 inħatar kappillan konventwali *ad honorem* u fl-1992 ħa l-post ta' Kappillan prinċipali ta' l-Assoċjazzjoni Maltija ta' l-Ordni wara Mons. Dwardu Coleiro. Dam f'dan il-post sa mewtu.

Fit-13 ta' Jannar 1997 l-arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca ħatru kanonku onorarju tal-kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-belt Valletta, u fis-17 ta' April 1997 l-isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi ħatru kanonku onorarju tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ tal-belt Victoria. Fit-23 ta' Lulju 1998 il-Q.T. il-papa Ġwanni Pawlu II għażlu bħala wieħed mill-kappillani tiegħu. B'digriet tal-25 ta' Ġunju 2002, maħruġ mill-Palazz tal-Gran Maġisteru ta' l-Ordni Sovran Militari Ospidalier ta' San Ġwann u ffirmat mill-Gran Mastru Fra Andrew Bertie, Mons. Dimech ingħata l-ogħla onorifiċenza fl-Ordni, dik ta' kappillan *Gran Croce* konventwali *ad honorem*.

Mons. Ġwann Dimech ippubblika bosta artikli fir-rivisti ta' l-Ordni. Fl-1998 ħareġ il-ktieb *The saints and blessed of the SMOM*, li t-tieni edizzjoni tiegħu tinsab fl-istampa, u hu wkoll l-awtur ta' *Spirituality and formation of members, future members and volunteers of the SMOM* mitbugħ fl-2006. Wara riċerka sħiħa fl-arkivji tal-kurja djoċesana ta' Malta kif ukoll f'dawk parrokkjali ta' Hal Balzan, fl-1999, bl-inizjattiva tal-kunsill lokali ta' Ħal Balzan, ippubblika l-ktieb *Ħal Balzan. Ġrajjietu sa l-1999*.

F'Novembru 1993 Mons. Dimech reġa' lura lejn Għawdex, fejn irtira flimkien mal-familjari tiegħu. Imma l-ħeġġa u ż-żelu pastorali tieghu ma waqfu qatt, kif wieħed seta' jifhem mill ewwel mill entużjażmu li bih kien idawwal lil ta' madwaru, virtu li hu żamm sa l-aħħar ta' ħajtu b'eżempju kbir għall-





bqija tas-saċerdoti Għawdxin u Maltin. Kien jagħti daqqa ta' id fid-djoċesi billi jgħallem il-fidi Kattolika lill-adulti li riedu jitgħammdu fil-Knisja, u kien jagħti wkoll lezzjonijiet privati tar-Reliġjon lil bosta studenti li kienu jitolbuh. Fl-istess żmien kien jgħin kemm jista' fis-servizz pastorali mogħti fiċ-Ċentru Ta' Kana, f'dik iż-żona tar-Rabat.

Fl-Ordni baqa' jwettaq l-impenji tiegħu b'assidwità sħiħa sat-tmiem, u ta spinta 'l quddiem lill-assoċjazzjoni tal-voluntiera f'Għawdex, fejn fost l-oħrajn ħeġġeġ bosta żgħażagħ Għawdxin jitilgħu miegħu Lourdes fil-pellegrinaġġ annwali tal-morda. Għal dawn il-morda hu kellu mħabba speċjali u kien jagħmel minn kollox biex jaqdihom, b'dik l-umiltà tipika tiegħu li kienet tagħżlu minn kulħadd, minkejja l-unuri li bihom kien imżejjen. Stinka wkoll biex tidħol f'Għawdex il-*Catenian Association*.

Il-preżenza tiegħu fil-bażilika ta' San Ġorġ kienet waħda li tispira lil kulħadd, kleru u poplu. Hu kien ukoll benefattur kbir ta' din il-bażilika, u għen mhux ftit fl-organizzazzjoni tal-festi ċentinarji ta' l-2003. Fil-fatt f'dik l-okkażjoni hu u oħtu Tessie kienu laqgħu f'darhom lill-arċisqof Ortodoss Gregorios ta' Thyateira. Minn sena għall-oħra għal żmien twil kien ukoll iħejji l-kalendarju liturġiku fit-tfassil tal-kalendarju parrokkjali tagħna. M'għandniex xi ngħidu, in-nuqqas tat-tbissima tiegħu żgur jinħass fost il-Ġorġjani kollha, li kienu jqisuh bħala ħuhom u Għawdxi daqshom, jekk mhux iżjed ukoll!

Mons. Dimech ħalla din l-art nhar it-Tlieta 6 ta' Jannar 2009 fil-għodu, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, wara xhur ta' marda kronika. Il funeral solenni, immexxi mill-isqof Mons. Mario Grech, sarlu fil-bażilika ta' San Ġorġ, il-Ġimgħa 9 ta' Jannar 2009. Għalih attendew il-membri ta' l-Assoċjazzjoni Maltija ta' l-Ordni ta' San Ġwann, bosta saċerdoti u nies.

***Ħajr għar-ritratti:*** Saviour Deguara, Kav. Martin Micallef.

# Lin-novell saċerdot Dun Ġwann Dimech

Mons. Giuseppe Farrugia Gioioso

Ma kienx hu d-Dawl, tad-Dawl kien imma dija
u dija kbira, għax maħtur minn Alla
biex iwittilu t-triq, Ġwanni gie mtella'
fl-ogħla u fl-isbaħ quċċata tal-qdusija.

Minn hemm hu seta' jagħraf lill-Messija,
u seta' jgħid lid-dinja, bħalma qallha:
"Dan hu l-Ħaruf li jneħħi d-dnub li ħalla
ir-ruħ bla saħħa u qerdilha s-sbuħija".

Kemm lil din l-għolja tixbah l-għolja tiegħek!
Tad-Dawl kien Dija Ġwanni jdur mal-plajja,
juri lin-nies id-Dawl li jagħti l-ħajja.

Imma int, o, int, qassis, b'dik saħħet kelmtek
tidher fuq l-għolja dawl, għax Dawl hi għelmtek.
Fuq hekk nifraħlek u nitgħaxxaq miegħek.

*Dan hu s-sunett li kiteb Mons. Giuseppe Farrugia Gioioso fil-Prima Messa ta' Mons. Ġwann Dimech, li kienet saret fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fl-1949.*



MAGNI DIE SABBATI
QUO CHRISTUS E MORTUIS RESURGENS
IMPERIUM FREGIT NECIS
SACERDOTIO AUCTUS
Ego Joannes Dimech
DOMINICO DEIN IN ALBIS DIE
A.D. M·CM·XL·IX
IN CURIALI TEMPLO S. GEORGII MARTYRIS
CIV. VICTORIAE DIOECESI GAUDISIENSIS
ARAM PRIMUM SOLEMNITER ASCENDO
DEUM ENIXE DEPRECANS
QUI
PETRI NAVIM
TOT INTER FLUCTUS AGITATAM
NOVIS ADAUGEAT CORONIS
PIUMQUE XII. PONTIFICEM SUMMUM
SACERDOTII SUI DECEM LUSTRA
FELICITER MEMORANTEM
DIU INCOLUMEM SERVET
PARENTES OMNESQUE IN CHRISTO FRATRES
PIA ME LAETAQUE CIRCUMDANTES CORONA
BONIS REPLEAT OMNIBUS.

Nihil obstat

## Qaddisin "Ġorġjani"

KITBU FUQ IL-PATRUN TAGĦNA, KIENU DEVOTI TIEGĦU JEW B'XI RABTA MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU

19



*Antoine Vassallo*

vasant@maltanet.net

# San Benedittu Ġużeppi Labrè

(tifkira liturġika fis-16 ta' April)



Benedittu Ġużeppi Labrè twieled fl-1748 fi Franza, l-ikbar fost ħmistax. Mill-ewwel deher serju u matur iktar minn sninu; għalkemm ma kienx miġbud lejn il-ħela tal-ħin fil-logħob ma' ta' mparu, kellu karattru verament ċajtier. X'ħin tfarfar beda jgħallmu zijuh (kappillan li miet ta' eroj waqt li kien idur bil-vittmi tal-kolera). Iżda t-tfajjel ma tantx kellu interess f'tagħlim li ma kienx jarah iressqu eqreb lejn Alla: l-aqwa ħin għalih kien it-talb u eżerċizzji piji. }ass il-vokazzjoni u pprova mat-Trappisti u komunitajiet monastiċi oħra. Għalkemm kontra qalbhom, il-ġenituri tiegħu beżgħu jopponu l-pjan t'Alla. Sa ma għalaq it-*22* deher ċar li ma kinitx dik is-sejħa tiegħu: "ninqata' għal kollox mir rabtiet tad-dinja". Beda jdur ma' l-Ewropa kollha bħala pellegrin, iżur id-diversi santwarji, fosthom Loreto, Assisi, Einsiedeln (Svizzera), Compostela (Spanja) u Parav-le-Monial (Franza). Ried jesperjenza l-faqar evanġeliku: ma kellux ħlief l-ilbies ta' fuqu, żewġ kuruni tar-rużarju u tliet kotba (it-Testment il-Ġdid, il-Brevjar u l-*Imitazzjoni ta' Kristu*). Ma kienx jittallab għall-ikel; biżżejjed għalih ftit ħaxix jew nitfa ħobż mormija! Sar persunaġġ magħruf u bosta offrewlu l-karità: kien jaċċettaha biex hu stess jaqsamha ma' l-oħrajn.

Skond it-tradizzjoni, fil-vjaġġi tiegħu żar lil gżiritna wkoll. Hawn ir-Rabat issemmietlu triq, fl-inħawi ta' fejn kienet il-"Kamra tal-Lampa" (fejn hawn min jgħid li għadda xi żmien). Ijjieli oħra għamilhom mimdud fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Ġorġ: kien jgħaddi sigħat twal quddiem Ġesù Sagramentat; x'aktarx li n-naħa preferita kienet maġenb l-altar ta' l-Ewleħ (fejn illum għandna l-istatwa ta' Sant'Antnin). Jingħad li s-sagristan ġieli sakkru ġewwa għax ma ntebaħx bih! Fil-ġabra ta' leġġendi miktuba minn Ġorġ Pisani nsibu storja ħelwa fuq miraklu tiegħu biex wera apprezzament għall-aġir karitatevoli li bih ġiebet ruħha miegħu armla fqira Rabtija. San Ġorġ għandna ritratt tajjeb tiegħu, impitter ftit xhur biss wara l-kanonizzazzjoni, u konna nagħmlulu festa mhux ħażin!

Fl-1774 Benedittu Ġużeppi stabbilixxa ruħu f'Ruma, jorqod fil-Kolossew fuq il-ġebel u l-blat. Matul il-jum kien jgħaddi s-sigħat f'xi knisja, speċjalment fejn ikun hemm l-adorazzjoni Ewkaristika. X'aktarx li kien jippreferi Santa Maria dei Monti, miġbud lejn pittura qadima tal-Madonna bil-Bambin ma' xi qaddisin. Lejn tmiem ħajtu tant marad bla saħħa li kien jaċċetta li jdaħħluh f'ospizju għall-foqra. Nhar l-Erbgħa tat-Tniebri ta' l-1783 ħassu ħażin hekk kif ħareġ minn din il-knisja wara l-quddiesa. Ġabru mill-art raġel li kien għaddej u wasslu daru ftit 'il hemm. Irċieva l-Griżma tal-Morda u, sa fl-għaxija, miet: kien is-16 ta' April. Kellu biss 35 sena.

Folol kbar ħonqu l-funeral, tant li kellhom jissejħu s-suldati! Mill-ewwel bdew isseħħu mirakli bl-interċessjoni tiegħu: sa ftit xhur skorrew il-mija, barra konverżjonijiet. Dik is-sena stess il-konfessur tiegħu ħareġ bjografija li nħatfet. Parti mid-dar fejn miet għamluha kappella. Hemm inġabru l-ftit ċekċikiet li ħalla, meqjuma bħala relikwi. Fil-post eżatt fejn ħa l-aħħar nifs tpoġġiet statwa tiegħu mimdud, bi xbieha Marjana mdendla fuqha. Ġismu ndifen taħt l-altar ta' waħda mill-kappelli ta' Santa Maria dei Monti, fejn insibu wkoll statwa ta' l-Irħam. Waslitilna pittura li għamel Antonio Cavallucci meta rah f'estasi (*Galleria Nazionale d'Arte Antica* ta' Ruma). Il-papa Ljun XII ikkanonizzah kważi seklu wara: fit-8 ta' Diċembru 1881.

Kurżità ta' l-aħħar: il-Q.T. Benedittu XVI twieled f'jum dan il-qaddis u, kif nafu, fil-magħmudija ngħata l-isem ta' Ġużeppi.




# MA' DIN IL-ĦARĠA

**Facsimile** tal-ħarġa speċjali ta'

*Leħen il-Belt Vittorja*

DIĊEMBRU 1958-JANNAR 1959

***Akkwista*** l-kopja tiegħek mill-uffiċċju parrokkjali u għix mill-ġdid il-ferħ Ġorġjan ta' ħamsin sena ilu!
Kull donazzjoni b'risq l-ispejjeż tkun apprezzata...

# ROKNA għat-tfal



Għeżież tfal,

Kif intom? Nittama li tinsabu tajbin! Kif mortu mal-Karnival? M'hemm xejn ħażin li wieħed jitbellah ftit matul dawk il-jiem, imma ma tistax tibqa' titbellah is-sena kollha. Hemm xi wħud hekk jagħmlu sfortunatament u allura qatt ma jimmaturaw. Araw li ma tkunux fost dawn ta' l-aħħar. Bla dubju l-maturità tinkiseb biż-żmien u trid taħdem għaliha.

Nifhem li sa ma r-rivista tasal f'idejkom tkunu ħlistu wkoll mill-eżamijiet ta' nofs is-sena. Nittama li mortu tajjeb. Dawn isiru biex jurukom fejn wasaltu u jekk tinsabux lesti għal dawk ta' l-aħħar tas-sena. Iż-żmien jitgerbeb malajr u allura tħallux għall-aħħar.

Ninsabu issa fil-bidu tar-Randan imqaddes, żmien sabiħ u għażiż, żmien ta' sagrifiċċju u penitenza. Kulħadd fid-dmir li jagħmel xi ftit tal-penitenza matul dawn l-erbgħin jum. Anki l-Imgħallem tagħna Ġesù mar fid-deżert u qatta' hemm erbgħin jum fit-talb u fis-sagrifiċċju. Intom ukoll tistgħu tagħmlu xi forma ta' sagrifiċċju. Tinsewx ukoll id-drawwa sabiħa tal-*Via Sagra*. L-erbatax-il stazzjon tal-*Via Sagra* jkunu mixgħula tul ir-Randan. Sewwa ssibu ħin u tinvistaw dawn l-istazzjonijiet li jirrakkuntaw il-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-lum issibu kotba apposta biex tkunu tistgħu tagħmlu l-*Via Sagra*.

Ċert li l-Iskola u l-parroċċa jagħmlulkom ukoll l-eżerċizzi spiritwali. Titilfuhomx dawn il-priedki għax minnhom hemm ħafna x'titgħallmu. Oqogħdu attenti għal kull kelma li jgħidilkom il-predikatur. Ħafna minnkom diġà kellhom iċ-ċans li jisimgħu xi kelma ta' ġid waqt il-Missjoni Djoċesana, imma dik m'hix biżżejjed, bla dubju. L-eżerċizzi tar-Randan huma okkażjoni tajba biex kull wieħed u waħda minna jagħmel eżami tal-kuxjenza.

U fl-aħħarnett tinsewx, meta jasal iż-żmien, tmorru tinkitbu fl-uffiċċju parrokkjali biex tieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, li din is-sena toħroġ f'Ħamis ix-Xirka wara l-funzjoni li ssir fil-għaxija fil-knisja tagħna. Għal-lum daqshekk. Issa sa ngħaddu biex nerġgħu nibdew nagħmlu kompetizzjoni ħafifa. Jingħata ktieb bil-Malti mill-*Klabb Kotba Maltin* (tel: 21 551 325) li jitla' bix-xorti fost dawk li jwieġbu tajjeb. Kull ma rrid minn għandkom hu li tkomplu dawn is-sitt iqwiel li ġejjin.

Ċaw!

*Iz-Zijju Joe*

## KOMPETIZZJONI

**Kompli dawn il-qwiel:**

1. Kelb rieqed...
2. Il-kelb il-mismut...
3. Bla flus la...
4. Bil-flus...
5. Aħjar ħabib fis-suq...
6. Akbar int...

klabb kotba maltin

**Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom, flimkien ma' isimkom u l-indirizz tagħkom, f'dan l-indirizz sa mhux iktar tard mis-Sibt 4 t'April 2009: Kompetizzjoni "Qwiel Maltin", "Marjos", Triq Sir Paul Boffa, Victoria VCT 2111, Għawdex.**

## GĦINUNA NKUNU TA' SERVIZZ GĦALIKOM!

Frġajna bdejna sena oħra, li mal-ġdid li ġġib magħha terġa' tfakkarna fil prinċipji l aktar fundamentali: pubblikazzjoni titlob il-flus, u l-flus jiġu minn għand il-benefatturi għeżież tagħna. *Il-Belt Victoria* titqassam b'xejn lil iżjed minn elf u mitejn familja fil-parroċċa, barra l kopji li jintbagħtu bil posta anki barra minn Malta. Meta nagħmlu wiċċna u nitolbu lilkom il-qarrejja biex tgħinuna finanzjarjament, dejjem induqu l-ġenerożità kbira tagħkom. Tafu li dan nagħmluh għall-parroċċa u mhux għalina!

Għalhekk nitolbukom tibagħtu d-donazzjonijiet tagħkom lil: **L-Editur *Il-Belt Victoria*, Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex**. Tistgħu wkoll twasslu d-donazzjoni tagħkom personalment fl-uffiċċju parrokkjali. Dawk li joqogħdu barra minn Malta u jixtiequjibqgħu jirċievu *Il-Belt Victoria* bil-posta, nitolbuhom jgħarrfuna flimkien mad-donazzjoni li jibagħtu.

Nirringrazzjawkom bil-quddiem!



# TISLIBA

**Mimdudin**

2 Hekk jismu l-kastell fejn ġie ffirmat id-digriet tal-bażilika. (8)
5 Tidher f'riġlejn San Pawl, f'wieħed mill-inkwadri li hemm f'San Ġorġ. (5)
7 l -Appostlu tal-ġnus. (7)
9 Fil-knisja ta' dan il-post tgħammed Mons. Ġwann Dimech. (9)
11 Isem in-neputi ta' l-isqof Ġużeppi Pace. (5)
12 Ktieb tat talb li jużawh bosta saċerdoti. (7)
17 F'dan ix-xahar bdiet tidher l-arma tal-belt Victoria fuq il-pubblikazzjoni *Il-Belt Victoria*. (5)
18 Fis-6 ta' dan ix-xahar ġie ffirmat id-digriet *Merito dilaudatur templum*. (9)
21 Disinn ta' bini qabel ma jinbena. (6)
23 Lingwa li kien jgħallem il-Kan. Joe Mejlak fis-Seminarju Minuri. (7)
25 Ktieb li fih il-Kan. Mejlak gabar madwar hamsa u ghoxrin dramm. (7)
26 Hekk kien kunjom l-artist li pitter kwadru ta' San Pawl. (6)
27 Kunjom ta' wieħed mill-arċiprieti tal-parroċċa ta' San Ġorġ. (5)
28 Dan il-post fi Spanja żaru Benedittu Ġużeppi Labrè tul ħajtu. (10)

**Weqfin**

1 Fuqha jpittru xi artisti. (4)
3 F'dan ix-xahar tħabbar li San Ġorġ sar bażilika. (7)
4 Jitlieħdu waqt laqgħat. (6)
6 Hekk jissejħu dawk li joffru jew jagħtu xi donazzjonijiet. (11)
8 Kull raħal għandu bħalha. (6)
10 Il-kappellun ta' San Ġorġ jinsab fuq din in-naħa, int u dieħel mil-lemin. (6)
13 Kitba fuq ħajja ta' bniedem. (11)
14 Komunità reliġjuża. (9)
15 Il-Kan. Joe Mejlak kien jużaha ħafna fil-poeżiji tiegħu. (8)
16 Ta' dan iż-żmien hija l-istatwa ta' San Ġorġ tal-Ħaġar. (9)
19 Hekk tissejjaħ il knisja ta' San Ġorġ. (8)
20 Hekk kienu jsejħulu lill-poeta l-Kan. Joe Mejlak. (6)
22 San Benedittu Ġużeppi Labrà ġieli raqad f'dan il-post f'Ruma. (8)
24 Arma jew *logo*. (6)

Ibagħtu t-tisliba maħduma flimkien mad-dettalji tagħkom f'dan l-indirizz: **Tisliba – *Il-Belt Victoria*, Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex**, jew inkella permezz ta' email lil **neville@sangorg.org**, sa mhux aktar tard **mis-Sibt 4 t'April 2009**. Ir-rebbieħ/a jitħabbar fil-ħarġa li jmiss, flimkien mar-riżultati t-tajba. Ma jiġux aċċettati tislibiet maħduma fuq il-ġurnal stess.

**Premju:** Ir-rebbieħ jieħu xirja ta' €35 minn għand il-*Vajringa Supermarket* ta' Triq Vajringa, Victoria.

VAJRINGA Supermarket

## San Ġorġ Bażilika: Ħamsin sena mill-ġrajja (1)

...jaqbad minn paġna 4

Kongregazzjoni tar-Riti Mqaddsa hekk kif sar jaf, jumejn wara l-iffirmar. Kif għidt, malli sirt naf minn għandu, mort immedjatament għand l-Arċipriet u tarraft l-aħbar lilu u liż-żewġ monsinjuri li kienu għenuna ħafna f'din il-biċċa xogħol: Mons. Franġisk Portelli u Mons. Emanuel Mercieca, li mbagħad sar arċipriet. Għarraft ukoll lil sieħbi Ġanni Galea, li kien jaf iżomm sigriet! Ma stajtx ninforma lill-kumitat kollu f'dak il-waqt, anzi l-ħaġa nżammet sigrieta u kwieta, sakemm imbagħad l-affarijiet saru kif kellhom isiru meta l-Arċipriet ġie awtorizzat mill-Isqof biex ixandar id-digriet lill-pubbliku. Dak in-nhar li kien għarraf lili, Pawlu Pace kien ikkuntattja wkoll lil zijuh, l-isqof Pace. Fil-fatt dak li jien għidt lill-Arċipriet, dan sar jafu wkoll ftit wara mill-Isqof innifsu, bla ma wera li kien diġà jafu minn għandi.

**5 ta' Ottubru 1958**

Il-Ħadd 5 ta' Ottubru 1958, kif jaf kulħadd, it-tħabbira saret fl-4.00pm. In-nies kienu msejħa fil-knisja u ħafna kienu jafu diġà x'kien ħa jiġri. Fil-fatt kienu diġà ppreparaw is-salib, li twaħħal flok l antik fuq il faċċata tal-knisja, kif juru tajjeb xi ritratti storiċi. Matul dak ix-xahar li għadda mill-iffirmar, il-ħmira kienet saret!

Dak in-nhar stess li ngħatat l-aħbar uffiċjali lin-nies, aħna bħala kumitat tas-Soċjetà *La Stella* laqqajna seduta fid-9.30pm biex niddeċiedu fuq x'festi kellhom isiru. Il-kumitat dak iż-żmien kien fih erbatax-il ruħ, skond kif sibt fin-notamenti tiegħi. Il-president kien is-Sur Ġużè Cefai, prokuratur legali. Cefai ma kellux sehem dirett għax f'dawn iż-żminijiet il-presidenti kienu iktar *figure-heads* milli aġenti attivi. Dawn kienu l-uffiċċjali l-oħra: viċi-president kien Ġorġ Galea, ħu t-tabib Sunny Galea, spiżjar, li mbagħad laħaq fil-Parlament u sfortunatament miet ta' età żgħira; segretarju kont jien; teżorier kien Ġużeppi Mercieca, ħu l-arċipriet Mons. Emanuel Mercieca, li kien għalliem; assistent segretarju kien ħija Ġużeppi; direttur tal-każin kien Ġorġ Attard "Ta' Delina". Il-bqija tal-membri kienu dawn: Ġorġ Grech Cassar, li kien għalliem; Francesco Bezzina, missier il-poeta Charles Bezzina; Ġorġ Cardona, li kien joqgħod fil-bidu ta' Pjazza San Franġisk; Pawlu Pace "Tal-Ferħ", li għandu l-familja tiegħu fi Triq id-Dejqa. Kien hemm ukoll dawn ir-rappreżentanti tal-banda: Ġanni Xerri, li kellu ħanut tal-merċa f'kantuniera fi Strada Corsa; Ġorġ Camilleri "Ta' Barabba", li l-lum tnejn minn uliedu jdoqqu mal-banda tagħna; Ġużeppi Grech "Taċ-Ċajċ", li kellu l-ħanut tal-merċa fi Strada Karità; Ġużeppi Attard, li kien ġa qed jgħallem lill-bandisti, u li kien miżżewweġ lil Lelina, oħt is-surmast preżenti l-Prof. Joseph Vella. Min iqalleb fil-minuti imprezzabbli tas-seduti tal kumitat, isib id dettalji li minnhom tinstilet l-istorja fil-futur.

***It-tieni parti ta' din l-intervista tissokta fil-ħarġa li jmiss...***

# "Il-Belt Victoria": Disinn ġdid għal isem antik

Il bord editorjali tal pubblikazzjoni *Il Belt Victoria* f'din il ħarġa qed iħabbar disinn ġdid għat-titlu li jidher fil-faċċata għall-pubblikazzjoni sħiħa, bl-Ingliż *masthead*. M'hix bidla li qed nagħmluha bla ħsieb jew biex nidhru speċjali, imma billi sempliċiment insegwu l-passi ta' qabilna. Minn żmien għal żmien l-amministrazzjoni tħoss li trid tagħti nifs ġdid lid-dehra kollha kemm hi, u dan jiġi rifless ukoll fil-mod kif nippreżentaw it-titlu. L-isem ta' din il-pubblikazzjoni bimensili, li hi dik uffiċjali tal bażilika prototparrokkjali ta' San Ġorġ, tassew jogħqodilha. Għax sa mit-twaqqif tagħha fl-1981 hi dejjem fittxet li tirrappreżenta lill-belt kollha tagħna, bil-bażilika ta' San Ġorġ u l-ħajja pastorali tagħha fil-qalba ta' kull attività. U għalhekk dan l-isem sabiħ – *Il-Belt Victoria* ġarr lil din il pubblikazzjoni fl-aħħar kważi tletin sena, issa għal 165 ħarġa sħaħ. Aħna kburin b'dan l-isem, kif aħna kburin bil-ġabra hekk wiesgħa ta' materjal li din il-pubblikazzjoni tagħna, grazzi wkoll għalikom il-qarrejja u benefatturi tagħha, irnexxielha ssensel f'katina li ma nqatgħet qatt. Veru li dejjem moħħna biex niġġeddu u nġeddu, imma fis-sustanza nibqgħu dejjem dak li aħna! Ejja nħarsu ftit lura u niflu x'passi għamlet *Il-Belt Victoria* f'dan id-disinn, li b'din il-ħarġa qed nipproponulkom f'verżjoni ġdida.


IL-BELT VITTORIA
RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.
No. 1 LULJU AWISSU 1981

EDITORJAL

Illum, b'wiċċna minn quddiem, qegħdin [illegible] il-bieb ta' djarkom u [illegible] [illegible] toqgħdu li [illegible] "Għaliex ġiet stampata din ir-Rivista?" Għandkom raġun tagħmlu din il-mistoqsija, u [illegible] aħna [illegible] inħossuna fid-dmir li nweġbukom.

Il-Parroċċa ta' SAN ĠORĠ, hija parroċċa ħajja u attiva u l-bibien tagħhom huma miftuħa beraħ minn qabel sbiħ il-jum sa' tard bil-lejl. Fiha eluf ta' nies isibu l-kumdità kollha li jisteħnew f'dik li hi amministrazzjoni ta' sagramenti u affarijiet oħra bħal dawn.

Biss ma nistgħux insemmu moħħna b'daqshekk. Il-komunità parrokkjali tagħna hija mifruxa mal-erbat irjieħ tar-Rabat u ħafna huma dawk li għalkemm jiffurmaw parti mill-komunità parrokkjali tagħna jinqdew bi knejjes oħra żgħar aktar qrib lejn djarhom. Minħabba f'hekk qed jgħaddi xi żmien minn meta jkunu żaru l-Knisja tagħna.

B'din is-sitwazzjoni quddiem għajnejna, ħassejna l-ħtieġa ta' din ir-rivista, sabiex isservi ta' ħolqa bejn il-parroċċa tagħna u l-membri kollha tal-komunità parrokkjali, kemm dawk li joqogħdu viċin kif ukoll dawk li huma mxerrda mar-Rabat kollu. Permezz tar-rivista ser inwassluIkom dak kollu li l-parroċċa tagħna tixtieq twassal ġo djarkom, sabiex il-leħen tagħha jidwi f'widnejn il-membri kollha, kemm kbar u kemm żgħar u lkoll kemm aħna nħossuna ħaġa waħda.

Hu l-ħsieb tagħna li din ir-rivista Ġorġjana tkun formattiva u informattiva. Aħna nwegħdukom li nagħmlu ħilitna kollha biex kull darba li nħabbtulkom l-bieb nagħtukom materjal mill-aqwa miktub minn nies ta' l-affari tagħhom, nies li bħalna huma konvinti bl-importanza li għandha l-Parroċċa ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria.

Li nistennew mingħandkom huwa biss li
* taċċettawna
* taqraw dak li nwassluIkom
* tgħinuna biex din il-ħolqa ġdida tikber u tissaħħaħ u torbotna dejjem iżjed flimkien.

SAN ĠORĠ MARTRI

WASLET IL-FESTA

Kull meta jibda riesaq ix-xahar ta' Lulju, il-qalb ta' kull Ġorġjan tibda tħabbat bil-qawwi u ġo fiha tħoss bħal ferħ u entużjażmu speċjali. U bir-raġun, għaliex fit-tielet Ħadd ta' dan ix-xahar, il-Parroċċa tagħna tiċċelebra b'sollennità kbira l-festa tal-Patrun f'Għawdex SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI.

Dan il-ferħ speċjali li jħossu jinraħ fi qlubhom il-Ġorġjani kollha f'dan iż-żmien tas-sena, jinfirex mal-gżira Għawdxija kollha u jibqa' sejjer ukoll sal-gżira l-oħra oħtna, Malta. Dan jixhduh il-mijiet ta' nies li jiġu għall-festa tagħna minn kull rokna ta' Għawdex u Malta.

Fl-istorja tagħha l-pubblikazzjoni tagħna s'issa kellha erba' disinni differenti tat-titlu prinċipali.

1. Minn **Lulju-Awwissu 1981 (1)** sa **Lulju-Awwissu 1982 (7)**

Il-pubblikazzjoni bdiet b'disinn sempliċi għat-titlu, li juri **siluwett tal-binjiet tar-Rabat** ikkontrastat mas-sema abjad, bil-koppla tal-bażilika ta' San Ġorġ tiddomina d-dehra ġenerali. Id-disinn kien stampat aħmar, u, fl-ewwel

ħarġa, jalterna bejn iż-żewġ kuluri kien stampat l-isem "IL-BELT VITTORJA". Mid-dehra xi ħadd ġibed l-attenzjoni lill-bord editorjali, għax mit-tieni ħarġa bdiet tidher il-verżjoni t-tajba: "IL-BELT VICTORIA".


NEWSPAPER POST
IL-BELT
VICTORIA
RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ – GĦAWDEX

2. Minn **Settembru-Ottubru 1982 (8)**
sa **Jannar-Frar 1998 (100)**

Mit-tmien ħarġa beda jidher disinn ieħor, jixbah ħafna lill-ewwel wieħed fl-idea, anzi kważi identiku, imma iktar preċiż fil-ħsieb li jirrappreżenta. Daqskemm kien sempliċi dan id-disinn, daqshekk ieħor baqa' popolari, hekk li għadu jintuża sal-lum f'pubblikazzjonijiet oħra tal-parroċċa. Mill-ħarġa ta' **Jannar-Frar 1989 (46)** l-istess disinn beda jidher ukoll iżgħar fuq ġewwa, fit-tieni paġna, fejn jingħata t-tagħrif editorjali. Dam jidher hekk sal-ħarġa ta' Lulju-Awwissu 2000 (115), għax mill-ħarġa ta' wara, dik ta' **Settembru-Ottubru 2000 (166)** ħa postu disinn simili, imma **mpitter bil-linji** u mhux bħala blokka waħda sewda jew ħamra. Dan id-disinn tal-linji, xogħol iżjed elaborat ta' l-artist lokali Joseph Sagona, mill-ħarġa ta' Lulju-Awwissu 2001 (121) beda jidher ukoll integrat fil-*header* ta' kull paġna. F'dan il-*header*, bejn il-ħarġa ta' **Settembru-Diċembru 1996 (92-93)** u dik ta' Mejju-Ġunju 2001 (120) kienet tidher **l-istemma ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel**, li hi dik uffiċjali użata fuq it-timbru tal-bażilika ta' San Ġorġ. Lura għat-titlu ta' quddiem, fil-ħarġa ta' Marzu-April 1994 (77) żdied dettall ieħor interessanti, għax ġiet inkorporata fih **l-istemma tal-belt Victoria**. Dan għax f'April 1994 saru l-elezzjonijiet għall-ewwel kunsill lokali tal-belt.


NEWSPAPER POST
VR
Il-Belt
VICTORIA
Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex
Marzu – Ġunju 1998
Nru. 101 / 102
ĦARĠA SPEĊJALI
PUSSES TA' MONS DR ĠUŻEPPI FARRUGIA
BĦALA ARĊIPRIET TAL-PARROĊĊA BAŻILKA
TA' SAN ĠORĠ MARTRI
~15 TA' FRAR 1998~

3. Minn **Marzu-Ġunju 1998 (101-102)**
sa **Novembru Diċembru 1999 (111)**

Il-ħarġa numru 101-102 kienet speċjali fl-okkażjoni tal-pussess ta' l arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia fi Frar 1998. Id-disinn tat-titlu beda jiġi stampat kollu bil-kulur, u mhux iżjed bl-aħmar biss, u nħadem minn Joseph Mizzi ta' *Mizzi Design & Graphic Services.* Kienet bidla importanti, għax, barra li daħal għall-ewwel darba ritratt fotografiku flok tpinġija bl-idejn, twarrab mill-faċċata, wara mitt ħarġa, id-disinn tradizzjonali li juri s-siluwett ta' beltna u li baqa' tant marbut fil-moħħ ta' niesna mal-pubblikazzjoni *Il-Belt Victoria*, tant li minn din il-ħarġa qed nerġgħu nintroduċuh fit-tieni paġna, fil-verżjoni oriġinali tiegħu kif bdiet tidher mill-ħarġa numru 8. Id-disinn il-ġdid kien jinkludi **ritratt tal-kulur tal-belt Victoria meħud mis-sema, u *inset* ovali b'ritratt – ukoll mill-ajru – tal-bażilika ta' San Ġorġ**.


NEWSPAPER POST
Il-Belt
Victoria
Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex
Messaġġ mill-Arċipriet
Għeżież Parruċċani,
Dalwaqt jibda r Randan, żmien li l Knisja tistedinna nqaddsuh permezz ta' tliet għemejjel: is-sawm, it-talb, u s-sadaqa tal-Kelma t'Alla. Verament dawn huma għemejjel tas-sena kollha, imma fi żmien ir-Randan għandna nfittxu aktar minn qabel biex:
♦ Infittxu l-okkażjoni li niċċaħdu minn dak li hu eċċess u nistgħu ngħadduh lill-ħaddieħor.
♦ Nagħtu importanza lit-Talb, jiġifieri lid-djalogu ma' Alla.
♦ Nisimgħu wara l-Kelma t'Alla billi naqraw l-Iskrittura, niksbu li nistgħu mill-omelija tal-Ħadd u nagħmlu l eżerċizzi spiritwali.
Fil-Bażilika ta' San Ġorġ ha jkollna ħames korsijiet ta' eżerċizzi spiritwali. Il-programm tagħhom issibuh f'din ir-rivista. Dwar dan ngħidilkom dan biss:
♦ Agħmlu ħilitkom biex l-eżerċizzi tar-Randan ma titilfuhomx. Ejjew intom u ħeġġu lil xulxin biex jiġu wkoll oħrajn, speċjalment membri tal-familji tagħkom.
♦ Ejjew għall-eżerċizzi li jsiru San Ġorġ. Din hi okkażjoni li fiha nistgħu niltaqgħu ma' xulxin fil-knisja li hi d-dar l-kbira tagħna lkoll. Tabbandunawx id-dar tal-familja Ġorġjana għall-ebda raġuni ħlief dik serjissima tas-saħħa.
Minbarra l priedki ta' l eżerċizzi, matul ir-Randan se jkollna diversi pellegrinaġġi penitenzjali bir-rebħ ta' l indulġenza plenarja. Dawn ikunu ġeneralment fil-weekend. Żommu għajnejkom infurmati permezz tal-Bullettin tal-Ħadd
Nitlob lil Alla l-Imbierek iberikkom. Nitlob lil San Ġorġ jidħol għalikom fil-bżonnijiet tagħkom.
Arċipriet Ġużeppi Farrugia
RANDAN 2000
• Korsijiet ta' Eżerċizzi Spiritwali •
GĦALL-MIŻŻEWĠIN: Predikatur: Patri WILLIAM Axiaq OFM Kap. Mit-Tnejn 13 ta' Marzu sal-Ġimgħa 17 ta' Marzu fis-7.00pm
GĦAL KULĦADD: Predikatur: Fr. STEPHEN DeRAFFAELE S.J. Mit-Tnejn 27 ta' Marzu sal-Ġimgħa 31 ta' Marzu fil-5.15pm
GĦALL-ĦADDIEMA: Predikatur: Mons Dun ĠWANN DIMECH Mit-Tnejn 3 t'April sal-Ġimgħa 7 t'April fin-12.35pm
GĦAT-TFAL: Prdikatur: Patri SERAFIN BORG OSA Mit-Tnejn 10 t'April sal-Ħamis 13 t'April fl-4.30pm

4. Minn **Jannar-Frar 2000 (112)**
sa **Novembru-Diċembru 2008 (165)**

Il-bord editorjali reġa' lura għal disinn b'żewġ kuluri, aħmar u iswed, mill-ħarġa ta' Jannar Frar 2000, l ewwel waħda tal millennju l ġdid. Dan għamlu biex inaqqas l-ispejjeż ta' l-istampa kollha kulur. Id-disinn, mill-ġdid ta' Joseph Mizzi, ukoll juri **ritratt, din id-darba *black & white*, taċ-ċentru storiku tar-Rabat bil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fil-qalba**. Ir-ritratt imur lura għall-bidu tas-seklu dsatax (aktar is-snin wara l-1930), għax il-koppla ta' San Ġorġ tidher mibnija biss sa l-iskutella.

5. Minn **Jannar-Frar 2009 (166)**

Id-disinn li qed nintroduċu issa nħadem minn Richard Grech fuq idea tal-bord editorjali, u jinkorpora fih **disinn bil-lapes** ta' l-artist Rabti George Scicluna, **bit-titlu "IL-BELT VICTORIA" miktub b'tipi kbar maġenbu**, biex tinżamm l-idea oriġinali. Waqt li timplika ritorn lejn disinni iktar primittivi u teskludi l-indħil ta' ritratt fotografiku, l-idea ta' dan id-disinn ġdid – tal-kulur, modern, imma fl-istess ħin sempliċi bħal fil-ġurnali kontemporanji biex iktar jiġbed l-għajn – barra li tirrifletti bħas-soltu xejra friska li qed nagħtu lil din il-pubblikazzjoni uffiċjali tal-parroċċa tagħna, tiġbor fiha l-istatwa Medjevali ta' San Ġorġ tal-Ħaġar (li l-lum tinsab fi Triq Enrico Mizzi), li hi simbolu tal-belt Victoria bil-kult Ġorġjan u l-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ fil-qalba tagħha.

